

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Baġit

21.9.2006

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Implimentazzjoni tal-Baġit tal-Parlament Ewropew għall-2006

Jekk jogħġbok, hawnhekk għandek issib mehmuża proposta għat-trasferiment ta' l-appropriazzjonijiet C21 - sena finanzjarja 2006.

DIRETTORAT ĠENERALI
GĦALL-POLITIKI INTERNI

Mr Janusz LEWANDOWSKI
Chairman tal-Kumitat għall-Baġit

Suġġett: Talba għat-trasferiment ta' l-appropriazzjonijiet C21 - sena finanzjarja 2006

Għażiż Sur Lewandowski,

Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 24 u 43 tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002, hawnhekk, jekk jogħġbok, għandek issib mehmuża talba għat-trasferiment ta' appropriazzjonijiet.

Inkun grat ħafna jekk inti tippreżenta dan l-abbozz ta' trasferiment lill-kumitat tiegħek, jekk inhu possibbli waqt il-laqgħa tiegħu fl-10 ta' Ottubru 2006.

Dejjem tiegħek,

Josep BORRELL FONTELLES

Anness: Talba għat-trasferiment ta' l-appropriazzjonijiet C21/2006

I. DESKRIZZJONI

Trasferiment ta' approprjazzjonijiet C21/2006

Minn: kapitolu 101 "Riżerva ta' kontinġenza":
€ 600 000

Għal: sub-entrata 2024/03 "Konsum ta' l-enerġija: Brussell":
€ 600 000

II. KIF JINSABU L-APPROPRJAZZJONIJIET: skond Finics fl-20/09/2006

Approprjazzjonijiet tal-bidu trasferimenti ± AB ±	Impenji meħuda	Ħlasijiet magħmula	Approprjazzjonijiet disponibbli qabel it-trasferiment propost	Ammont tat-trasferiment propost	Approprjazzjonijiet disponibbli wara t-trasferiment propost
<u>MINN</u>					
Kapitolu 101 "Riżerva ta' kontinġenza"					
13 175 813					
- 1 637 658	C1				
1 003 317	C6				
- 3 200 000	C10				
- 590 000	C15				
- 107 000	C16				
- 108 000	C17				
- 336 420	Trasferiment pendenti				
8 200 052	0	0	8 200 052	- 600 000	7 600 052
TOTAL GĦAL TRASFERIMENT BARRA				- 600 000	
<u>GĦAL</u>					
2024/03 "Konsum ta' l-enerġija: Brussell"					
5 687 208	5 612 458	3 728 743	74 750	+ 600 000	674 750
TOTAL GĦAL TRASFERIMENT ĠEWWA				+ 600 000	

III. ĠUSTIFIKAZZJONI

2024/03 "Konsum ta' l-enerġija: Brussell"

+ € 600 000

1. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, b'mod partikulari, l-ispejjeż ta' l-ilma, tal-gass, ta' l-elettriku u tat-tisħin.
2. L-ammont allokat lis-sub-entrata fil-baġit ta' l-2006 huwa € 5,687,208.

Din il-proposta hija intenzjonata biex titlob għat-trasferiment ta' € 600,000 mill-kapitolu 101 "Riżerva ta' kontinġenza" għas-sub-entrata 2024/03 "Konsum ta' l-enerġija: Brussell" sabiex il-Parlament ikun jista' jkopri spejjeż addizzjonali fuq l-enerġija għal Brussell minħabba żieda fil-konsum ta' l-enerġija u ż-żieda qawwija fil-prezz.

3. Il-baġit 2006 kien ippreparat fuq il-bażi ta' infiq li sar fl-2004. Sadanittant, il-prezz ta' l-enerġija żied fil-Belġju minħabba d-dħul tas-suq ħieles, u naturalment, iż-żieda qawwija fil-prezz bażiku taż-żejt.
4. Il-prezz ta' l-elettriku żied b'39.14% minn 6.1355547 cent/kWh fl-2004 għal 8.5367105 cent/kWh fl-2006. Fl-istess perjodu ta' żmien, il-prezz tal-gass għamel qabża ta' 51.73% minn 2.194716 cent/kWh għal 3.3301169 cent/kWh. Dawn iż-żiediet huma ogħla milli kien mistenni meta ġie ppreparat il-baġit 2006.
5. Barra minn hekk, timwiġ fit-temperatura minħabba l-kundizzjonijiet tal-klima straordinarji fiż-xhur ta' Mejju, Ġunju u Lulju ta' din is-sena żiedu b'mod qawwi l-konsum ta' l-enerġija ta' l-Istituzzjoni. In-nefqa ta' l-2006 għal dawn it-tliet xhur biss turi żieda ta' € 517,000 mill-2004, u ta' € 310,000 mill-2005.
6. Sabiex tiġi koperta n-nefqa addizzjonali qed tintalab żieda ta' € 600,000 fil-linja tal-baġit inkwistjoni.
7. L-ammont huwa disponibbli fil-kapitolu 101 "Riżerva ta' kontinġenza" u jista' jinkiseb minn hemm.
8. *Fiċ-ċirkustanzi, huwa propost li € 600,000 jiġu ttrasferiti mill-kapitolu 101 "Riżerva ta' kontinġenza" għas-sub-entrata 2024/03.*

IV. TALBA MILL-UFFIĊJAL AWTORIZZANTI DELEGAT LI QED JIRĊIEVI TRASFERIMENT

Nicolas RIEFFEL

Firma:

Data:
